MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2006

Numru 1160/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Christian Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Christian Fenech ta' 16 il-sena iben Paul u Carmen nee' Cuschieri, imwieled Pieta' nhar 22/08/1990 u residenti Rose Flats No. 4, Triq l-Iskola, Msida, detentur tal-karta ta' l-identita numru: 430690(M) gie akkuzat talli:

1) fis-7/09/06 ghall-habta tal-10.15pm, waqt li kien f'dawn il-gzejjer u cioe' fit-Triq iz-Zenqa fin-Naxxar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' David Grech ID 396190(M) hekk kif iccertifika Dr. Daryl Xuereb M.D. Reg. No. 2969 ta' l-Isptar San Luqa liema ferita tista' tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew tista' ggib difett f'parti ta' l-ghamla tal-gisem jew tista' ggib mankament jew sfregju fil-wicc;

2) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra l-piena skond il-ligi, tapplika l-art. 383, 384, 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' David Grech ID 396190(M).

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali ppresentat bhala Dok VA3 u nnutat li l-imputat, wara li nghata zmien biex iwiegeb, iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat, fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat seduta stante skuza ruhu mal-parte civile David Grech u ddikjara li jiddispjacih dwar l-akkadut.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile David Grech iddikjara ghal kull buon fini li qieghed

jaccetta li l-imputat skuza ruhu mieghu u li ddikjara li jiddispjacih dwar l-akkadut.

Inoltre nnutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214, 216 u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Christian Fenech, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat u l-eta' tenera tal-imputat, li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, li fis-Seduta tallum l-imputat seduta stante skuza ruhu mal-parte civile David Grech u ddikjara li jiddispjacih dwar l-akkadut, li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile David Grech iddikjara ghal kull buon fini li qieghed jaccetta li l-imputat skuza ruhu mieghu u li ddikjara li jiddispjacih dwar l-akkadut, u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, tillibera lill-istess imputat Christian Fenech taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Christian Fenech ghall-piena ta' hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25) ammenda.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Christian Fenech b'obbligazzjoni personali ta' mitt Liri Maltin (Lm100) li jzomm il-kwiet ma' David Grech u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Christian Fenech l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------